**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2019

**SEDUTA NUMRU 72/07**
Il-Ġimgħa 29 ta' Settembru 2017 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *SKUŻAT* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *SKUŻAT* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

---

**AĠENDA**

72.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
72.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
72.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
72.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
72.5 Rapporti;
72.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 58/07;
72.7 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
72.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Sotto Kumitati;
72.9 Mozzjonijiet;
72.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.
.

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

**72.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia**

Ittri ta' Apoloġija

**i.** Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li kienet irċeviet ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Ishmael Dalli fejn talab biex ikun skużat minħabba mpenji professjonali. Din l-apoloġija ġiet approvata mill-Kunsill unanimament.

**72.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Iffrmar tal-Minuti

**i.** Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 71/2017 tat-22 ta' Awwissu 2017 bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

**72.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd

**i** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fil-każ tal-Kuntrattur VELLA GROUP LTD, l-Avukat tal-Kunsill kien reġa kkuntattjana u qalilna li s-Sur Vella ried jerġa jiltaqa' magħna. Is-Sindku spjega li konna erġajna tkellimna mal-avukat u għidnilu li d-deċiżjoni tal-Kunsill kienet ittieħdet.

**i.i** B'żieda ma' dan is-Sindku reġa thenna li s-Sur Jimmy Vella kien għadu qed iċempillu personali biex jiltaqa' miegħu *one to one*. Is-Sindku reġa spjega li kien qallu li dan ma kienx ser jagħmlu u li l-avukat tagħna kien ċar li m'għandiex għalfejn niltaqgħu għaliex diġa fil-passat konna ltqajna miegħu kemm il-darba u dawn il-laqgħat ma kienu wasslu għal xejn. Żied li l-ammonti dovuti huma dawk skont il-workings tal-Accountant tal-Kunsill u l-Kunsill kien qabel li ser jżomm magħhom.

**i.ii** Saret diskussjoni dwar dan u l-Kunsill qabel unanimament li kellna nieħdu ruling mingħand l-avukat jekk nibdewx inħallsu jew le.

**ii.** Hawnhekk is-Sindku żied jispjega li għandna problema b'dan l-istess Kuntrattur fi Triq Dun Karm Sant. Spjega li dan il-Kuntrattur kien ġie imqabbad mit-TM sabiex jagħmel xogħol ta' trenching quddiem dik il-blokka appartamenti ġodda. Saħansitra kien hemm drabi li anke ntbgħatu l-pulizija minħabba xi nuqqasijiet u inkonvenjent li kien qed joħloq lill-istess ġirien f'din l-istess triq.

Turf tal-ground 5 aside

**iii.** Rigward it-turf tal-ground 5 aside is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara l-laqgħa li kienet saret ma' Cassar Shiprepair konna għadna qed nistennew risposta mingħand l-istess Cassar Ship Repair wara li s-Sur Cassar kien baqa' magħna li kellu jkellem lill-kumitat biex jara minn kien qed jagħmel użu mill-ground bħala Tarxien Rainbows.

**iii.i** Qal ukoll is-Sindku li l-avukat tagħna qed iżommna aġġornati bl-eżitu tas-seduti fejn kien qed ikompli jinstema l-Appell.

Compliance Certificate

**iii.ii** Hawnhekk is-Sindku qal li kien reġa għadda 6 kopji tal-ittra tal-Approvazzjoni maħruġa mit-TM lis-Segretarju ta' Tarxien Rainbows FC u li dan suppost li kien għaddieha lil-President is-Sur Tony Cassar. Is-Sindku qali li għaldaqstant hu l-biċċa tiegħu kien għamilha.

Art bit-turf

**iii.iii** Żied jgħid is-Sindku li fir-rigward tat-talba sabiex l-biċċa art tal-genb fejn jilgħabu t-tfal ssir bit-turf, kien qed jaħdem fuqha.

Tender toroq

**iv.** Is-Sindku informa lill-Kunsill li ladarba issa x-xogħol tal-asfaltar tat-toroq Triq Annetto Caruana minn fejn id-daħla taċ-Ċimiterju tal-Erwieħ u k/m Triq Santa Marija sa quddiem il-Kunsill Lokali kien tlesta kollu, kemm il-Perit tal-Kunsill kien ppreżenta l-verifika fuq ix-xogħol li kien sar kif ukoll il-Kuntrattur kien ressaq il-kont tiegħu.

**iv.i** Żied jispjega s-Sindku li skont l-ewwel stima oriġinali tal-Perit jiġifieri qabel ma kien inbeda x-xogħol, din kienet ġiet madwar €50K pero fiha kien hemm inkluż xogħlijiet fuq il-bankini, li bħalma jaf kulħadd dawn ma tmissewx. Sadanittant imbagħad konna ġejna kkuntatjati mill-WSC sabiex jinbidlu l-mains u għalhekk anke hawnhekk kien hemm xi tibdil fl-ispejjeż. Plus hekk qal is-Sindku kien hemm charge ta' 19.5% talli ħdimna bil-lejl.

iv.ii Is-Sindku qal li kien qed jerġa jispjega dan kollu għaliex irriżulta li kien hemm xi diskrepanzi fuq il-kontijiet ppreżentati miż-żewġ partijiet. Żied jgħid is-Sindku li hu kien dejjem segwa x-xogħol u għaldaqstant hu jaf tajjeb x'sar u ma sarx f'kull stadju tax-xogħol.

iv.iii Is-Sindku qal li jidher li l-Perit tal-kuntrattur kienet kejlet kollox għad-dritt. Apparti dan, meta tħaffru xi trinek, il-kuntrattur qal li niżel iktar mentri fil-fatt ma sarx hekk għax hu kien preżenti.

iv.iv Is-Sindku qal li reġa talab lil-Perit tal-Kunsill sabiex jerġa jipprepara verifka/kont kif suppost. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia staqsa jekk il-WSC humiex jkopru l-ispejjeż. Is-Sindku wieġbu li bħala materjal biss kien kopert.

iv.v Is-Sindku spjega li kien ser jerġa jiddiskuti mal-partijiet kollha kkonċernati. Pero ssuġġerixxa li ladarba aħna nkunu qbilna mal-partijiet kollha nkunu nistgħu nħallsu lill-kuntrattur mill-ewwel mingħajr ma nistennew laqgħa. Hawnhekk il-Kunsill qabel unanimament mas-suġġeriment tas-Sindku. Is-Sindku ssuġġerixxa wkoll li, għalkemm dan il-kont ma kienx għadu *settled*, kien qed jissuġġerixxi li nħallsu xi ħaġa payment on account. Hawnhekk ukoll il-Kunsill qabel unanimament u ġie maqbul li nħallsu €50K.

iv.vi Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li bħalissa konna bdejna l-proċess sabiex napplikaw għall-parti l-oħra ta' Triq Sta Marija minn fejn l-uffiċċju tar-Reġjun Xlokk l-isfel. Is-Sindku qal li kien talab biex il-main isir wieħed ġdid biex ma jitmisx fejn kien sar diġa. Qal li kien ser ikellem lill-WSC fuqha. Informa lill-Kunsill li parti mill-ispejjeż għal din it-triq kienu ser jiġu mill-fond tal-UIF. Żied jgħid li bħalissa dan il-fond kien fih madwar €60K.

**v.** Is-Sindku Paul Farrugia qal li fir-rigward tal-garanziji tat-toroq Paola u Santa Marija, għalkemm konna qed nibgħatu *reminder* lit-TM dawn min-naħa tagħhom baqgħu qatt ma weġbuna lura. Għaldaqstant żied jgħid is-Sindku li kien kiteb ittra biex tintbgħat lil Ministru l-Onor. Ian Borg u dan għaliex kien jidher li kien hemm problemi ikbar milli qatt ħsiebna. Garanziji – Triq Paola u Triq Santa Marija

v.i Is-Sindku Pawlu Farrugia nforma lill-Kunsill li saħansitra kien hemm PQ fuq din it-Triq kif ukoll li l-ex Sindku Joseph Abela kien kellu laqgħa dwar din it-triq. Ħadd mill-Kunsillieri ma kienu jafu b'din il-laqgħa li semma s-Sindku attwali Paul Farrugia.

**vi.** Is-Sindku spjega li fir-rigward tal-inizjattiva li kull Reġjun kellu jingħata €100,000 għall-asfaltar tat-toroq u li kienet diġa ġiet mressqa lill-membri tar-Reġjun u kull lokalita' membru kellha tressaq il-proposti tagħha, kienet tinsab wieqfa għalissa. Inizjattiva €100,000 kull Reġjun

**vii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-inċident fuq il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra erġajna tkellimna mal-avukat u ser jara x'jista jsir. Il-Kunsillier Frans Agius qal li proprju dak kien l-argument biex f'każ ta' mistoqsija aħna nkunu koperti bil-parir tal-avukat. Inċident monument – Avukat UNTOURS

**viii.** Rigward il-*bins* mitluba mill-Iskola St Thomas Moore fl-inħawi barra l-entratura tal-Iskola kif ukoll *bins* tar-riċiklaġġ ġewwa l-Iskola li kienu ġew approvati u li kienu ser ikunu sponsorjati mill-istess Green MT, is-Sindku kkonferma li kienu għadhom ma sarux. Laqgħa GREEN MT – Bins

**ix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għalkemm għal darb'oħra konna ktibna lit-TM sabiex ninfurmawhom li kien ġie nnotat li parti mill-konkos li sar ġdid fi Triq B'Bugia diġa kien qed jisfronda, u li s'issa t-TM ma kenux ħadu l-passi li jidhrilhom xierqa, u wisq anqas ma kienu għadhom weġbuna, huwa seħaq li kienet importanti li tittieħed azzjoni għaliex kienet qed tiggrava s-sitwazzjoni. Triq B'Bugia

ix.i Saret diskussjoni u ġie deċiż li tibqa tintbgħat reminder lit-TM u nibqgħu ninsistu magħhom li tittieħed azzjoni.

**x.** Rigward ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Seg. Eżek. reġgħet infurmat lill-Kunsill li għal darb'oħra d-DLG kien reġa bgħat reminder dwar dan. ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Seg. Eżek.

x.i Il-Kunsill għal darb'oħra qabel li jibqgħu mad-deċiżjoni li jistennew direzzjoni mingħand l-Assoċ. Kunsilli Lokali.

**xi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-bus shelter ta' Triq Palma kien għadu kollox l-istess hekk kif kien irraporta fil-laqgħat preċedenti. | Bus Shelter Triq Palma

**xii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-każ sabiex it-TM jirrikunsidraw li double yellow lines fi Triq Pellikani Nru. 80, St Michael, minflokk metru fuq kull naħa tal-garaxx jitwalu u jiġu 2.5 u nofs fuq kull naħa, hu kien oġġezzjona fuqha, għaliex it-TM meta kienu qabdu u żebgħu 2.5m kienu ħolqu diskriminazzjoni mar-residenti l-oħra filwaqt li hu ra li din titneħħa. | Triq Pellikani Nru. 80, St Michael

**xiii.** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-ħaddiema li l-Kunsill kellu assenjati miegħu, kien kellem lill-ħaddiema li jekk ikunu għaddejjin minn xi triq u jaraw xi imbarazz mormi barra kellhom jieqfu u jiġbruh. Qal is-Sindku li dan ma kienx sar u għaldaqstant kien reġa bgħat għall-ħaddiema u kien hu li kien qed imur magħhom ta' kuljum idur fir-raħal. Żied jispjega s-Sindku li l-akbar problema fuq rimi barra kienet minn blokka ġdida fi triq Dun Karm Sant. Qal li f'dan il-każ kien ġie ikkuntattjat il-persuna responsabbli mill-condominium. | Ħaddiema assenjati mal-Kunsill

**xiv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ladarba x-xogħol fuq il-gazebo l-kbira fi Ġnien Veliko Turnovo kien tlesta, kien ser jerġa jkellem lis-Sur Denis Calleja biex jerġa jibda jopera minn ġewwa l-Gazebo. | Gazebo - Ġnien Veliko Turnovo

**xiv.i** Il-Kunsill unanimament qabel ma dan is-suġġeriment.

**xv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-korrispondenza bejn il-Kummissjoni Elettorali, il-Kunsill Lokali Fgura u residenta fi blokka ta' appartamenti ġodda "The Willows" fi Triq San Mikiel il-Fgura u dan il-Kunsill Lokali, fejn il-Kumm. Elettorali u l-Kunsill Lokali Fgura qed jallokaw din il-binja ġewwa l-konfini ta' Ħal Tarxien , huwa qal li kien ser ikun qed joġġezzjona li l-Kunsill Lokali Ħal Tarxien ma kienx ser jaċċetta li din il-blokka taqa' fil-konfini ta' Ħal Tarxien. | Blokka apaprtamenti ġodda fi Triq San Mikiel Fgura

**xv.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qabel mas-suġġeriment tas-Sindku.

**xvi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-talba mingħand id-Direttur tat-Tarxien Youth Centre Ċirkolu San Ġwann Bosco biex jagħmlu użu tal-ground 5 aside u d-dressing rooms konna għadna qed nistennew id-Disclaimer min-naħa tagħhom. | Talba użu tal-ground

**xvii.** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsillieri li r-rapport dwar pv system taħt il-proġett tal-ERDF 213 – *Sustainable Tourism in a Village of Culture* kien intbgħat. Kif ukoll konna rċevejna l-Final Report li wkoll ġie ffirmat u mibgħut lura lill-PPCD. | PV System – Proġett ERDF213

**xviii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-kwotazzjoni għall-bandiera biex tiddendel mal-arblu l-ġdid fir-roundabout ta' Triq Palma Ħal Tarxien konna qed nistennew li jinġieb il-qies tal-arblu sabiex b'hekk inkunu nistgħu nordnaw skond il-qies. | Bandiera – Roundabout Triq Palma

**xix.** Is-Sindku nofrma lill-Kunsill li kien għadu qed jipprova jagħmel kuntatt mal-Kuntrattur li kien ħadmilna l-pavimentar ta' Ġnien Veliko Turnovo sabiex tiżdied tarġa oħra mat-taraġ ta' fejn il-latrina. | Tarġa - Ġnien Veliko Turnovo

**xx.** Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ġie mistieden jiltaqa' mal-Onor. Silvio Parnis u fejn aħna ġejna mitluba nressqu 3 punti sabiex jiġu diskussi waqt din l-imsemmija laqgħa. Saret diskussjoni u ġie deċiż li t-tlett punti ta' diskussjoni jkunu :- | Laqgħa Onor Silvio Parnis

- ENFORCEMENT AMBJENTALI,
- PJAZZA AGATHA BARABARA
- PAOLA ROAD.

**xxi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-attivita organizzata mil-Kazin PL ta' Ħal Tarixen fi Ġnien Veliko Turnovo nhar is-7 ta' Settembru 2017 kienet suċċess. | Attivita' Każin PL

**xxii.** Saret diskussjoni mill-Kunsill dwar l-Iskema ta' xiri ta' kotba għal-librerija skond iċ-Ċirkolari 22/2017 mibgħuta mid-DLG. Is-Sindku qal li kien qed jissuġġerixxi li għalissa l-Kunsill ma kellux jissieħeb sakemm dan il-każ jiġi diskuss fl-AKL. Il-Kunsill qabel unanimament. | Skema – Xiri ta' Kotba għal-Librerija

**xxiii.** Għal sena oħra l-Kunsill ġie mitlub sabiex joffri s-servizz tal-vaċċin kontra l-influwenza. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia offra li jerġa għal darb'oħra jieħu ħsiebhom. Is-Sindku talbu biex jekk ser jerġa jidħol għal dan l-inkarigu jara li ma jerġawx jinqalgħu problemi bħas-sena preċedenti. | Vaċċin kontra l-Influwenza

**xxiii.i** Sadanittant is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li nhar il-6 ta' Novembru 2017 il-Kunsill irid imur jiġbor l-vaċċin mill-Health Centre tal-Floriana.

**xxiv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna rcevejna lment sabiex jerġa jsir xi lqugħ fuq li stage ta' Triq Tarxien fejn kien hemm l-għassa dari'. Saret diskussjoni dwar dan u ġie deċiż li għalissa l-Kunsill kellu jistenna l-eżietu tat-tender li l-MPT kienet ħarġet. Bus Shelter – Triq Tarxien

**xxv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien irċieva talba sabiex fl-eventwalita' li fil-konfini ta' Ħal Tarxien ikun hemm il-possibilta' sabiex triq ġdida jingħatalha isem il-Kunsill jikkunsidra li tissemma għal Mons Antonio Rapa. Il-Kunsill qabel li tiġi kkunsidrata. Triq għal Mons Antonio Rapa

**xxvi.** Is-Sindku nforma l-Kunsill li dan l-aħħar konna qed niltaqgħu ma xi problemi fir-rigward tal-ġbir tal-boroż tal-iskart riċiklat l-għada tal-ġurnata skedata għal dan il-ġbir. Is-Sindku spjega li l-Erbgħa filgħodu jekk il-Kuntrattur li għandna għall-ġbir tal-iskart domestiku kien qed isib xi boroż griżi u/jew ħodor flok boroż suwed dan ma kienx qed jiġborhom. Is-Sindku qal li dwar dan kienet inġibdet l-attenzjoni tal-Kuntrattur li fil-passat dawn kien jiġborhom saħansitra anke fi żmien l-Ex Sindakat. Is-Sur Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li l-Kuntrattur kien wieġeb li ma kienx ser jibqa jiġborhom għaliex l-WASTESERV kienet ipprojbitilhom li jħalltu l-boroż u li jekk il-Kunsill kien ser jibqa jinsisti li għandu jiġborhom kien ser jtellgħa lill-Kunsill il-Qorti. Saret diskussjoni dwar dan u ġie deċiż li niktbu lill-Wasteserv dwar din il-problema. Ġbir ta' boroż tal-iskart riċiklat l-għada tal-ġurnata skedata għal dan il-ġbir

**xxvii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien ġie avviċinat minn Grupp Teatru sabiex jitlob kwalunkwe tip ta' għajnuna mill-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel li kien lest li jgħin ladarba ma tinkisirx il-Liġi tal-Kunsill Lokali. Għajnuna Grupp

**xxviii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dan l-aħħar kien seħħ inċident fil-pjazza tal-knisja parrokkjali fejn vettura kienet baqgħet dieħla ġol-bankijiet li kien hemm u għaldaqstant kienet saritilhom xi ħsara. Dwar dan il-każ qal is-Sindku Farrugia li kien sar rapport lill-pulizija. Inċident fil-Pjazza quddiem il-knisja parrokkjali

**xxix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-Tender tal-bulky refuse kien wasal biex jiskadi u għaldaqstant kien qed jissuġġerixxi li nibdew naħsbu biex tinħareġ sejħa għall-tender ġdid. Żied jispjega s-Sindku Paul Farrugia li anke hawnhekk kien qed ikollna xi problemi għall-fatt li peress li fil-kuntratt attwali kien indikat li f'kull ġabra kellhom ikunu miġbura sa massimu ta' sitt oġġetti, kienet qed issir distinzjoni bejn oġġetti kbar u oġġetti pjuttost żgħar u għaldaqstant kien qed ikollna diversi lmenti mingħand ir-residenti. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ssuġġerixxa li fit-tender il-ġdid tiġi kkunsidrata li kull collection tinħadem bil-cubic area minflokk kif inhi fil-preżent. Saret diskussjoni dwar dan u filwaqt li kien hemm qbil unanimu li tinħareġ sejħa għall-tender ġdid, il-Kunsill kellu jifli sewwa x'kienet l-aħjar soluzzjoni għall-ġbir u dan anke in vista tal-fatt tal-ispejjeż li kienu żdiedu jekk mhux irduppjaw fuq dan il-kuntratt. Tender Bulky Refuse

**xxx.** Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill li t-TM kienet bgħatet tinforma lill-Kunsill li t-talba għall-RESERVED quddiem ir-residenza 230, Triq Sammat ma kenitx ġiet approvata. RESERVED 230, Triq Sammat

**xxxi.** Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li kienet waslet talba sabiex issir *sleeping police/ road hump* fi Triq B'BUGA. Saret diskussjoni dwar dan u ġie deċiż li tintbgħat it-talba lit-TM. *Sleeping police/ road hump* fi Triq B'BUGA

**xxxii.** Is-Sindku qal li kienet għad ma waslitx risposta dwar it-talba sabiex issir *sleeping police* fi Triq l-Iskola ma' Triq l-Annunzjata. Sleeping police fi Triq l-Iskola ma' Triq l-Annunzjata.

**xxxiii.** Is-Sindku qal li kienet għad ma waslitx risposta dwar li Triq Dun Gwann Mamo tiġi one way. Triq Dun Gwann Mamo – One Way

**xxxiv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-proposta fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsillier Ismael Dalli sabiex il-Kunsill japplika għall-iskema biex fir-raħal isiru bicycle racks filwaqt li l-ispiża kollha biex isiru kienet ser tkun assorbita mill-Ministeru tal-Finanzi, kienet ġiet mibgħuta. Bicycle Racks

**xxxv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-talba tal-Kunsillier Frans Agius fil-laqgħa preċedenti sabiex il-Kunsill jerġa jikteb lill-Awtorita' tat-Turiżmu sabiex jinbidlu t-tabelli li jindikaw it-triq għat-tempji, din l-ittra kienet intbgħatet. Jinbidlu t-tabelli li jindikaw it-triq għat-tempji

**72.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**i** Il-Kunsillier Luke Genuis talab sabiex terġa titwaħħal il-mera fi Triq Lanzon k/m Triq Paola. Is-Sindku Paul Farrugia wieġbu li din ma setatx teħel għalissa peress li kien għadu għaddej xogħol ta' kostruzzjoni f'din l-istess kantuniera. Mera fi Triq Lanzon k/m Triq Paola

**72.5 Rapporti**

**i.** Ma kienx hemm rapporti biex jiġu mgħoddija fil-laqgħa.

**72.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Ġiet mressqa l-iSkeda ta' Pagamenti 58/07. Din l-iSkeda ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

**72.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**72.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

<u>Rapport mill-Kunsillier Frans Agius</u> Attiivita' tberik tal-annimali

**i.** Il-Kunsillier Frans Agius talab lis-Seg. Eżek sabiex tgħaddilu d-dettalji tal-applikanti għall-Attivita' tat-tberik tal-annimali tal-Ħadd 1 ta' Ottubru 2017 fl-10:00am. Is-Seg. Eżekuttiv.wieġbet li kienet ser tgħaddilu d-dettalji kif mitlub.

**72.9 Mozzjonijiet**

**i.** Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**72.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**i.** Il-laqgħa ntemmet fid-8:45pm.

**ii.** Laqgħa oħra kienet ser tinżamm nhar l-Erbgħa 25 t'Ottubru 2017 fil-5.30pm.

(Iffirmat)

____________________________

**Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ**
**Sindku**

(Iffirmat)

____________________________

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**